# Kalendarju Liturġiku għax-xahar ta’ Novembru

| | |
|---|---|
| It-Tlieta 1 ta’ Novembru | Solennità tal-Qaddisin Kollha<br>Quddies: 6.45am u fis-6.15pm |
| L-Erbgħa 2 ta’ Novembru | L-Għid tal-Imwiet<br>Quddies: 6.45 am, 8.30am u fis-6.15pm |
| Is-Sibt 5 ta’ Novembru | Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd 6 ta’ Novembru | It-32 Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| Is-Sibt 12 ta’ Novembru | Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd 13 ta’ Novembru | It-33 Ħadd taż-żmien ta’ matul is-sena<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| Is-Sibt 19 ta’ Novembru | Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd 20 ta’ Novembru | Solennità ta’ Sidna Ġesù Kristu – Sultan tal-Ħolqien kollu.<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| Is-Sibt 26 ta’ Novembru | Quddies: 6.45, 8.30am, 6.00pm u 7.45pm |
| Il-Ħadd 27 ta’ Novembru | L-Ewwel Ħadd tal-Avvent<br>Quddies: 8.30, 10.00 u 11.15am u fis-6.00am |
| L-Erbgħa 30 ta’ Novembru | Festa ta’ Sant’Andrija, appostlu<br>Quddies: 6.45am u fis-6.15pm |

## SERVIZZ KUNFIDENZJALI – NISIMGĦEK

Il-parroċċa flimkien mad-dipartiment tal-Counselling fl-università ta’ Malta qed tkompli toffri servizz ‘Nisimgħek’. Ser ikun hemm persuna mħarrġa biex tisma’ b’mod kunfidenzjali: dwejjaq, inkwiet, thassib, uġiegħ tal-qalb, thossok waħdek, trobbija, relazzjonijiet. Mis-Sibt, 1 t’ Ottubru, bla ħlas, miftuħ għal kulħadd fiċ-Ċentru Parrokkjali. Appuntamenti fuq 79010481.

**Ċelebrazzjoni tal-Kelma t’Alla** – L-Erbgħa, 7 ta’ Diċembru 2022 mis-6.40 p.m. sa 7.30 p.m. Ċelebrazzjoni tal-Kelma t’Alla kull l-ewwel Erbgħa tax-xahar minn Ottubru 2022 sa Ġunju 2023 li fiha jiġi trattat l-Evanġelju tat-tieni Ħadd tax-xahar.

**Janima:** Mons. Kalċidon Vassallo, li serva bħala Kappillan jew Arċipriet f’diversi parroċċi u li bħalissa jaqdi fil-Parroċċi tal-Iklin u tas-Swatar.

Parroċċa Familja Mqaddsa,
Pjazza Ninu Cremona,
L-Iklin IKL 1302

**www.parroccaiklin.com**

Tel 21423003
Email: parrocca.iklin@maltadiocese.org

PARROĊĊA
*Familja Mqaddsa*
L-IKLIN



# Il-Miġemgħa

NOVEMBRU 2022
**ĦARĠA 224**

LEĦEN IL-PARROĊĊA TAL-FAMILJA MQADDSA

KINDLY SUPPORTED BY JB STORES

## Jikteb il-kappillan

It-tema għal din is-Sena Pastorali hija: Komunità li takkompanja. Allura nirriflettu dwar kif insiru żewġ affarijiet: dixxipli u missjunarji. Xtaqt nikteb dwar karatteristika ta’ dixxiplu – waħda fost bosta:

“Min ma jiċħadx ġidu kollu ma jistax ikun dixxiplu tiegħi.”

Biex inkun dixxiplu hemm bżonn li Kristu jiġi l-ewwel, qabel kull ħaġa oħra: qabel il-business, qabel l-isports, qabel il-flus, qabel il-karriera, qabel il-kumdità, qabel kull ġid ieħor fid-dinja.

Il-Papa Benedittu fl-ewwel diskors tiegħu fil-ħatra tiegħu bħala Papa, ikkwota vers ta’ San Benedittu: “Ma npoġġi xejn qabel Kristu.”

Int u jien dixxipli ta’ Ġesu’? Jiġi l-ewwel f’ħajjitna?

Anzi, Fejn jidħol Kristu, x’nissejħu int u jien? Friend? Fan? Supporter? Armchair critic? Casual Observer? Jew dixxiplu ta’ Kristu?

Biex inkun dixxiplu hemm bżonn li Kristu jiġi l-ewwel, qabel kull ħaġa oħra.

Is-sliem
Dun Keith Bonnici
KAPPILLAN

**Kull nhar ta' Ħamis bejn is-6.00 a.m. u 6.00 p.m. fil-Knisja Parrokkjali jkun hawn l-Adorazzjoni ta' Ġesù Sagramentat espost mit-Tabernaklu. Nitolbu għall-familji tagħna, għall-paċi, għall-vokazzjonijiet u għas-saħħa ta' kulħadd.**

## HOP ON HOP OFF FORMATION WEDNESDAYS

L-Erbgħat 2, 9 u 16 ta' Novembru 6.40 pm sa 7.30 pm: id-dipendenzi li jirrendu ħajjitna miżerja. Kelliema: Dr Anna Vella, Clinical Lead tas-Sedqa, l-Aġenzija Nazzjonali ta' Malta għad-Dipendenzi u Dr Joe Ciappara, lecturer dwar it-Testment il-Qadim u l-Lingwi Bibliċi fil-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta. Kulħadd mistieden.

## L-ASSEMBLEJA DJOĊESANA

IL-ĦAMIS 17 U L-ĠIMGĦA 18 TA' NOVEMBRU 2022 FIS-6.30 PM.

Din is-sena l-Operaturi Pastorali kollha, u dawk kollha nteressati, huma mistiedna li jattendu għaliha virtwalment billi ġiħu fil-Knisja Parrokkjali fis-6.30 pm u jingħaqdu b'mod virtwali mal-assemblea Djoċesana fiħika li ser tiltaqa fl-istess ħin.

Ix-xewqa hi li parroċċi minn Malta kollha jagħmlu l-istess. Għalhekk il-quddiesa ser tkun fis-6.00 pm ħalli fis-6.30 nipparteċipaw fl-Assembleja Djoċesana online bħala kommunita' parrokkjali.

## IRTIR TAL-AVVENT 2022

**NIBDEW L-AVVENT 2022 BIS-SMIEGĦ TAL-KELMA T'ALLA**

Irtir qasir tal-Ewwel Ħadd tal-Avvent immexxi minn Dr Joe Ciappara, Dr Joe Ciappara, lecturer dwar it-Testment il-Qadim u l-Lingwi Bibliċi fil-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta. Niltaqgħu fis-Sala Parrokkjali fid-9.20 am wara l-quddiesa tat-8.30 am sal-11.00 am qabel il-quddiesa tal-11.15 am. Kulħadd mistieden.



## SEMINARS GĦALL-ĠENITURI U TFAL FIS-SALA PARROKKJALI

*4 ta' Diċembru 2022 għal tfal u ġenituri ta' tfal fis-snin 5, 6,7 mid-9.20 am sa 11.00 am*
9.20 am Kafè | 9.45 am Laqgħa | 11.15 am Quddiesa

**Ġenituri: Uliedi, il-Mobile bl-internet u jien**
Kelliem: Miriana Ferrito, li taħdem mal-Aġenzija sedqa

**Tfal: Jgħiduli biex noqgħod attent ma min nagħmilha u xi ħbieb nagħżel, għaliex?**
Kelliema: Gabriella Buttigieg, gradwata fil-Psikoloġija u taħdem bħala terapista fil-faċilta' korrettiva tal-Imtaħleb mal-priġunieri żgħażagħ.

## GRUPP ĠDID TAŻ-ŻAK

Nistiednu lil dawk li twieldu fl-2009 u fl-2010 biex jingħaqdu mal-grupp taż-ŻAK tal-Iklin tal-età tagħhom. Il-laqgħat isiru nhar t'Erbgħa mis-18.15 sas-19.30. Min jixtieq japplika jibgħat email lil josef.debono@zakmalta.org .

## TBERIK U ŻJAJJAR TAL-FAMILJI
### MILL-4.30 P.M. – 7.30 P.M. FIL-ĠIMGĦAT LI ĠEJJIN

**Il-Ġimgħa 4 ta' Novembru 2022 - Triq Ċensu Busuttil**
**Il-Ġimgħa 11 ta' Novembru 2022 - Triq Dun Karm**

Tajjeb li jkun hemm il-membri kollha tal-familja għat-tberik.
Napprezzaw jekk fid-dar tinżamm atmosfera ta' talb waqt it-tberik billi settijiet ta' radju u televixin, tablets, i-phones u l-bqija jinżammu mitfija.
Is-saċerdot ma jeħux ikel jew xorb waqt it-tberik.
Kull donazzjoni li tingħata tmur għall-ħtiġijiet tal-Parroċċa u t-tixrid tal-Vanġelu fl-Iklin, u mhux għas-saċerdot b'mod persunali.

## ĦIN TAL-QUDDIES

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: Quddies fis-6:45 am, u fis-6:15 pm

Il-Ħamis u l-Ġimgħa fit-8.30 a.m.

Nhar ta' Sibt: Quddies fis-6:45 am, fit-8:30 am, fis-6:00 pm u fit-7.45 pm
Nhar ta' Ħadd: Quddies fit-8:30 am, fl-10:00 am, fil-11:15 am, u fis-6:00 pm

## ĦINIJIET TAL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

KAPPILLAN: Is-Sibt 7.10 a.m. sa 10.30 a.m.

## ĦIN TAL-KATEKIŻMU GĦAT-TFAL

It-Tnejn u l-Ħamis bejn l-4.30 p.m. u l-5.15 p.m. fil-ġranet tal-iskejjel tal-Istat

## ĦINIJIET OĦRA

Qrar:
Qabel kull Quddiesa tal-obbligu u tal-Ħadd

Tqarbin tal-Morda:
Kull jum tal-ġimgħa filgħodu b'appuntament wara li ssir talba lill-Kappillan

Adorazzjoni Ewkaristika:
fis-skiet il-Ħamis mis-6 am sas-6 pm

Via Sagra:
kull nhar ta' Ġimgħa fis-5.55p.m.

Rużarju:
Rużarju kuljum għoxrin minuta qabel il-quddiesa ta' filgħaxija minbarra nhar ta' Ġimgħa.